# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 11 ta' April 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs.**
**Clyde Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Clyde Vella ta' 27 sena, bin Raymond u Marita nee' Xuereb, imwieled il-Pieta' fis-6 ta' Awwissu, 1990, u li joqghod 'Redeemer', Triq Sir Paul Boffa Avenue, Paola detentur tal-karta ta' l-identita' numru 385790M.

Akkuzat:

Talli nhar l-1 ta' Novembru 2008 ghall-habta ta' 11.00 pm waqt li kien gewwa l-Kayote Club li jinsab gewwa San Gorg, San Giljan

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kadim Basri Hussain.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 11 ta' Novembru, 2009 (fol 61 tal-process), fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 214, 215, 216 (1)(a), 216 (1)(b), 216 (1)(c) u 216 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-23 ta' Novembru, 2012 l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu**

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fiz-zmien rilevanti, l-imputat kien jahdem bhala bouncer gewwa l-Kayote Club go Paceville.
2. Ghal habta tal-11.00 pm il-Pulizija gew infurmati li inqalghet glieda f'dan il-Club.
3. Meta l-Pulizija marru fuq il-post sabu lil persuna certu Khadim Basri Hussein wiccu miksi bid-demm. Hussein qal lill-Pulizija li kien inqala' argument bejn ragel u tfajla u hu mar biex jikkalma l-argument. Pero, hu laqqat daqqa go wiccu minn persuna li

kienet involuta fl-incident u dak il-hin intervjenew il-bouncers, u lilu tawh diversi daqqiet go wiccu. Hu identifika lill-imputat bhala wiehed mill-bouncers li tah id-daqqiet go wiccu.

4. Khadim Basri Hussein sofra diversi griehi ta' natura gravi .
5. Il-Pulizija baghtet ghall-imputat li cahad li ta daqqa ta' ponn fuq wicc Khadim Basri Hussein, u l-imputat ukoll kellu daqqa fuq ghajnejh li giet certifikata bhala ta' natura gravi u qal li Khadim Basri Hussein kien tah daqqa ta' ras. Ghalhekk il-Pulizija hadu wkoll passi kriminali kontra Khadim Basri Hussein.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

F'dawn il-proceduri, id-difiza mhix qed tikkontesta li kien hemm glieda fil-Kayote Club u lanqas li Hussein sofra xi griehi. Dak li qed tikkontesta d-difiza huwa li ma kienx l-imputat li ikkaguna dawn il-griehi.

F'dawn il-proceduri Hussein xehed li waqt li hu, t-tfajla tieghu u xi hbieb taghhom kienu qed jizfnu l-Kayote Club, xi hadd imbutta lilu u t-tfajla u waqghu. Hussein jghid li l-imputat, li kien security fil-Club gie u qabadlu idejh u poggiehomlu wara. Huwa jghid li l-imputat tah l-ewwel daqqa, imbaghad gew zewg securities ohra u bdew jaghtuh.

Pero mistoqsi in kontro-ezami jekk ghalkemm l-imputat rah fil-post, hu ma jafx b'certezza li kien l-imputat li tah id-daqqa, Hussein wiegeb *"Ma nafx ezatt".* Fuq domanda ohra tad-difiza, Hussein rega' rripeta li hu ma jistghax jghid mija fil-mija li kien l-imputat li tah id-daqqa.

Sussegwentement Hussein rega' biddel il-versjoni u rega' qal li l-imputat tah daqqiet ukoll, u jista' jghid b'certezza li d-daqqa taghielu l-imputat.

Il-Qorti ma jidhrilix li ghandha tidhol fil-kredibilita tal-versjoni tal-imputat, ghaliex din hija l-meritu ta' proceduri kriminali ohra kontra Hussein li ghadhom *sub judice.*

Ix-xhieda l-ohra okulari prodotti mill-Prosekuzzjoni ma tefghu l-ebda dawl fuq id-dinamika tal-incident.

In vista tal-inkonsistenzi fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, din il-Qorti hija tal-opinjoni li Hussein mhux xhud attendibbli. Fil-fatt huwa ammetta ghal darba darbtejn li ma jistghax jghid b'certezza li l-imputat tah id-daqqa. In vista ta' din l-ammissjoni fix-xhieda tieghu, din il-Qorti qatt ma tista' tasal ghal konkluzjoni li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-kaz taghhha lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**